**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 360/19 AL

**AB**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata fis-sitta ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (06.01.2006) f' San Ġiljan u ż-żwieġ ta' dina l-koppja ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 18/2006 (Ċertifikat taż-żwieġ anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt tas-

separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Malcolm Camilleri fl-Erbgħa ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgħatax (04.08.2014)- (Kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni-Dok B).

3. Illi l-partijiet ma kellhomx ulied minn dan iż-żwieġ.

4. Illi għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ tiegħu ma' Henrietta Cannataci hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-liġi u biex jordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

Illi stante l-fatt illi dak dikjarat mir-rikorrenti huwa minnu u tikkonfermah l-esponenti, l-esponenti qegħda taderixxi ruħha għat-talba rikorrenti u tirrimetti ruħha għad-deċizjoni superjuri ta' din il-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Setembru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Awwissu 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.